Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2025/2181(INI)

25.2.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar strateġija ġdida għal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali
(2025/2181(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Marcos Ros Sempere

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 10

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar strateġija ġdida għal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali

(2025/2181(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media)[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)[3],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2022 intitolata "Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażagħ: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+)" (COM(2022)0212),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-12 ta' Novembru 2025 intitolata "It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija: it-tisħiħ ta' demokraziji b'saħħithom u reżiljenti" (JOIN(2025)0791),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 dwar il-pjan ta' azzjoni għall-ħiliet bażiċi (COM(2025)0088),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Frar 2026 intitolat "Pjan ta' azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku - 'Aktar sikuri online, flimkien aktar b'saħħitna'" (COM(2026)0071),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2025 dwar il-protezzjoni tal-minuri online[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni

[1] ĠU L 303, 28.11.2018, p.69, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1808/oj.
[2] ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj.
[3] ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj.
[4] Testi adottati, P10_TA(2025)0299.

Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: “L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027”[5]

– wara li kkunsidra r-rapporti tal-UNESCO, b’mod partikolari r-rapport intitolat “Media and information literacy for all: closing the gaps: global analysis of the current state of media and information literacy” (Il-litteriżmu medjatiku u tal-informazzjoni: nagħlqu l-lakuni: analiżi globali tas-sitwazzjoni attwali tal-litteriżmu medjatiku u tal-informazzjoni), ippubblikat fl-2025,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A10-0000/2026),

A. billi l-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali jipprovdu ħiliet bażiċi fis-soċjetà moderna u huma kruċjali fl-indirizzar tal-proliferazzjoni tad-diżinformazzjoni, tat-tnaqqis tal-fiduċja fil-media, u tal-impatt tal-pjattaformi online, tal-atturi ġodda tal-media u tal-intelliġenza artifiċjali; billi l-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali huma meħtieġa fil-kuntest tax-xejriet differenti fil-konsum tal-informazzjoni, mirfuda mill-“kultura tal-iskrolljar”;

B. billi l-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali huma essenzjali biex jagħtu s-setgħa lin-nies bil-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex jifhmu l-informazzjoni f’ambjent li qed jinbidel b’mod kostanti, sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw il-preċiżjoni, l-affidabbiltà u s-sors tal-informazzjoni, jisfidaw il-propaganda antidemokratika u, fl-aħħar mill-aħħar, jagħmlu għażliet infurmati aħjar u awtonomi;

C. billi l-litteriżmu fil-media u l-edukazzjoni diġitali jridu jitqiesu bħala komponenti integrali ta’ strateġija komprensiva ta’ apprendiment tul il-ħajja, b’mod partikolari għat-tfal u ż-żgħażagħ, sabiex jiġu mgħammra bil-ħiliet ta’ ħsieb kritiku, ir-reżiljenza u l-kompetenzi diġitali meħtieġa biex jinnavigaw ambjent ta’ informazzjoni dejjem aktar kumpless u li qed jevolvi malajr; billi tali sforzi ma għandhomx ikunu limitati għall-istudenti biss, iżda għandhom jiġu estiżi għall-partijiet ikkonċernati kollha fl-ekosistema tal-edukazzjoni, inklużi l-edukaturi, il-ġenituri, l-indokraturi, il-ġurnalisti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi ġodda tal-media bħall-influwenzaturi, li għandhom rwol dejjem aktar sinifikanti fit-tfassil tax-xejriet tal-konsum tal-informazzjoni u d-diskors pubbliku;

D. billi t-tfal jaċċessaw il-media soċjali f’età dejjem aktar żagħżugħa, fejn 97 % taż-żgħażagħ fl-UE li jużaw il-pjattaformi tal-internet ta’ kuljum u tal-media soċjali jsiru s-sors ewlieni ta’ informazzjoni għaż-żgħażagħ ta’ bejn il-15 u l-24 sena[6];

E. billi l-introduzzjoni prematura ta’ għodod jew teknoloġiji diġitali għall-minorenni, qabel ma jkunu ġew żviluppati ħiliet bażiċi fil-litteriżmu fil-media b’għodod analogi, tesponihom għal għadd kbir ta’ riskji diġitali li ma jkunux jistgħu jimmitigaw, inklużi l-

[5] ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1.
[6] Maza, M.T. *et al.*, “Association of habitual checking behaviors on social media with longitudinal functional brain development” (Assoċjazzjoni ta’ mġiba ta’ verifika abitwali fuq il-media soċjali bi żvilupp funzjonali lonġitudinali tal-moħħ), *JAMA Pediatrics,* , Vol. 177, Ħarġa 2, 2023, pp. 160–167, https://doi.org/10.1001/jamapediatrics.2022.4924.

bullying ċibernetiku, l-estorsjoni sesswali, id-disturbi fl-irqad jew fl-ikel, is-sottożvilupp soċjali u emozzjonali, il-firxa ta' attenzjoni iqsar jew ir-radikalizzazzjoni;

F. billi l-introduzzjoni ta' età minima għall-użu ta' pjattaformi online ġiet diskussa minn dawk li jfasslu l-politika kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE;

G. billi l-minorenni, iż-żgħażagħ, l-anzjani u l-gruppi vulnerabbli jew emarġinati għadhom f'riskju ogħla li jiġu sfruttati fl-ambjent diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji ta' esponiment għal kontenut dannuż, bullying ċibernetiku, diżinformazzjoni, interferenza barranija jew scams finanzjarji; billi l-minorenni huma partikolarment vulnerabbli għar-riskji relatati mal-kontenut iġġenerat mill-IA, mal-kumpanni tal-IA u maċ-chatbots, peress li l-kapaċitajiet konjittivi tagħhom għadhom qed jiżviluppaw;

H. billi l-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali huma indispensabbli biex jiġi żgurat il-benesseri diġitali tal-utenti; billi dawn jistgħu jgħinu lin-nies jiżviluppaw ħiliet fl-oqsma tal-kreattività u s-soluzzjoni tal-problemi f'ambjenti rikki fit-teknoloġija, u jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni ċivika, l-inklużjoni soċjali jew il-bini tal-komunità;

I. billi fis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, in-nies fl-UE għandhom ikunu mgħammra b'firxa wiesgħa ta' ħiliet konjittivi, tekniċi u soċjali biex jaċċessaw u janalizzaw il-kontenut tal-media b'mod effettiv u b'hekk jibqgħu reżiljenti għal azzjonijiet manipulatorji potenzjali jew attakki ibridi li għandhom l-għan li jiddestabbilizzaw id-diskors ċiviku u l-proċessi demokratiċi;

J. billi l-modi kif jiġu kkunsmati l-media u l-kontenut diġitali nbidlu b'mod sinifikanti, fejn l-utenti, b'mod partikolari l-minorenni u ż-żgħażagħ, jagħżlu forom ta' kontenut imfassla apposta fuq il-pjattaformi tal-media soċjali, isegwu mill-qrib l-attivitajiet tal-influwenzaturi, jiddependu ħafna fuq rakkomandazzjonijiet algoritmiċi u spiss ikollhom firxa ta' attenzjoni iqsar meta jikkunsmaw forom ta' media tradizzjonali; billi l-media soċjali tista' tippersonalizza malajr il-feeds tagħha, u tesponi lill-utenti, b'mod partikolari lill-minorenni jew lill-utenti vulnerabbli, għal riskji li l-kontenut dannuż jiġi amplifikat jew jinqabad fi bżieżaq tal-informazzjoni;

K. billi l-leġiżlazzjoni tal-UE tipprovdi definizzjoni tal-litteriżmu fil-media, b'mod partikolari fl-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media;

L. billi l-approċċi nazzjonali għal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali jvarjaw madwar l-UE, u hemm differenzi sinifikanti fir-rigward tal-inkorporazzjoni tagħhom fil-kurrikuli tal-iskejjel u fil-livell ta' appoġġ finanzjarju jew amministrattiv ipprovdut għal azzjonijiet jew programmi kif ukoll fir-rigward tal-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti u l-kooperazzjoni bejniethom;

Elementi ewlenin tal-approċċ il-ġdid għal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali

1. Jissottolinja li approċċ li jħares 'il quddiem għal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali għandu jkollu l-għan li jagħti s-setgħa lin-nies, b'mod partikolari lill-minorenni, b'ħiliet li jippermettulhom jibbenefikaw bis-sħiħ mill-ambjent diġitali, jagħtu spinta lill-ħiliet kreattivi tagħhom, jibbenefikaw mill-esponiment għal varjetà ta' sorsi u jevitaw riskji relatati mal-użu u d-disinn ta' pjattaformi online;

2. Jirrikonoxxi li l-approċċi għat-tagħlim tal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali jeħtieġ li jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-istudenti, b'mod partikolari l-minorenni jew l-utenti vulnerabbli; jissottolinja l-ħtieġa li r-rappreżentanti taż-żgħażagħ jiġu involuti kontinwament fit-tfassil ta' azzjonijiet ta' politika rilevanti jew fl-iżvilupp ta' programmi jew materjali ta' apprendiment biex jiġi żgurat li tali azzjonijiet ikunu mmirati lejn l-isfidi li jiffaċċjaw it-tfal u l-adolexxenti fl-ambjent online;

3. Jisħaq fuq ir-rwoli ewlenin li għandhom il-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali fil-ġlieda kontra l-bullying ċibernetiku, u, b'mod partikolari, jenfasizza l-fatt li l-għoti ta' ħiliet fil-litteriżmu fil-media u fl-apprendiment diġitali tul il-perkors kollu tal-edukazzjoni u fi ħdan l-attivitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja huwa kruċjali għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-ħsieb kritiku, l-awtosensibilizzazzjoni u l-imġiba responsabbli online, li jwasslu għal esperjenza online aktar sikura b'mod ġenerali;

4. Jissottolinja l-importanza li jintużaw l-istrumenti regolatorji rilevanti kollha disponibbli u li titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha kif meħtieġ sabiex jinkiseb approċċ komuni tal-UE;

5. Jissottolinja l-importanza tal-introduzzjoni tal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali fil-kurrikuli tal-iskejjel matul il-proċess kollu tal-edukazzjoni formali kif ukoll il-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ olistiku u bbażat fuq l-evidenza għall-użu tat-teknoloġiji diġitali fl-iskejjel;

Il-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali: it-tisħiħ tal-pilastri tal-ekosistema moderna tal-media

6. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jikkooperaw bl-għan li jiġi stabbilit approċċ koordinat tal-UE għal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u, fejn xieraq, tipproponi approċċ komuni tal-UE rigward l-aċċess xieraq għall-età għall-pjattaformi online, b'mod partikolari l-pjattaformi tal-media soċjali, skont l-approċċ ibbażat fuq il-protezzjoni tal-benesseri tat-tfal, ir-rikonoxximent tal-iżvilupp konjittiv u emozzjonali tal-minorenni, u l-ħtieġa li jiġi żgurat ambjent diġitali sikur u adattat għall-età, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u d-differenza fl-approċċi nazzjonali;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa bir-reqqa l-effettività u l-valur miżjud tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) u tipproponi emendi mmirati biex tkompli żżid il-livelli ta' protezzjoni għall-utenti fuq pjattaformi ta' video-sharing, b'mod partikolari l-minorenni u l-utenti vulnerabbli, tespandi r-regoli dwar il-kontenut tal-media għal atturi ġodda tal-media, b'mod partikolari l-influwenzaturi, u tavvanza l-livell ta' trasparenza fir-rigward tat-tikkettar effettiv ta' kontenut iġġenerat mill-IA jew kontenut li jinkludi messaġġi kummerċjali jew inklużjoni ta' prodotti kummerċjali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tkopri l-kwistjonijiet relatati mal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali bħala parti mir-rieżami tagħha tal-linji gwida tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) dwar miżuri biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni online, b'mod partikolari fir-rigward tal-litteriżmu

fil-media u l-miżuri ta' apprendiment diġitali li jistgħu jittieħdu mill-pjattaformi online biex tiġi żgurata esperjenza xierqa għall-età għall-minorenni online;

10. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-azzjonijiet ta' litteriżmu fil-media fi ħdan il-Programm ta' Reżiljenza tal-Media u politiki regolatorji u ta' finanzjament rilevanti oħra tal-UE mmirati lejn il-kultura u l-edukazzjoni, u tiżgura li tali azzjonijiet jilħqu l-kategoriji kollha tal-età (żgħażagħ, adulti, anzjani) f'żoni rurali u urbani;

11. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu sorveljanza effettiva u jiżguraw li l-pjattaformi ta' video-sharing jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jipprovdu miżuri u għodod effettivi ta' litteriżmu fil-media u li jżidu l-għarfien tal-utenti dwar tali miżuri u għodod, kif stipulat fl-Artikolu 28(b)(3) tal-AVMSD; jistieden lill-awtoritajiet jew lill-korpi regolatorji nazzjonali jużaw il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 15 tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media biex jiżguraw li dan l-obbligu jiġi infurzat b'mod effettiv madwar l-UE;

12. Iħeġġeġ lill-pjattaformi online kbar ħafna jistabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, proporzjonati u effettivi biex jindirizzaw ir-riskji sistemiċi li jirriżultaw mill-isfruttament ta' litteriżmu fil-media u ħiliet ta' apprendiment diġitali insuffiċjenti tal-utenti, b'mod partikolari l-minorenni, kif meħtieġ mill-Att dwar is-servizz diġitali; jinnota l-ħtieġa li l-pjattaformi online kbar ħafna jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt tal-litteriżmu fil-media u tal-apprendiment diġitali biex jidentifikaw b'mod proattiv kif it-tfassil tas-servizzi tagħhom jista' jaffettwa l-kapaċità tal-utenti li jikkunsmaw, joħolqu u jinvolvu ruħhom fil-kontenut;

13. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom l-obbligu, skont l-Artikolu 33(a) tal-AVMSD, li jippromwovu u jieħdu miżuri għall-iżvilupp tal-ħiliet fil-litteriżmu fil-media u li jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni; iħeġġeġ lir-regolaturi nazzjonali tal-media jikkonsultaw lir-rappreżentanti ta' gruppi demografiċi differenti, b'mod partikolari l-ġenituri, l-indokraturi u ż-żgħażagħ meta jiżviluppaw tali miżuri, u jieħdu approċċ imfassal apposta, li jindirizza l-ħtiġijiet ta' gruppi soċjetali speċifiċi, meta japplikaw tali miżuri; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li tali awtoritajiet ikollhom finanzjament stabbli u ddedikat biex jippromwovu u jieħdu miżuri ta' litteriżmu fil-media;

14. Jistieden lill-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media juża d-djalogu strutturat, kif stabbilit fl-Artikolu 19 tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, biex jimmonitorja l-azzjoni meħuda mill-pjattaformi online kbar ħafna fir-rigward tal-litteriżmu fil-media kif ukoll biex iżid id-djalogu bejn il-fornituri tas-servizzi tal-media u l-pjattaformi online kbar ħafna dwar azzjonijiet effettivi li għandhom l-għan li jrawmu l-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali u jippromwovu l-viżibbiltà tal-media ta' reputazzjoni tajba fuq pjattaformi online kbar ħafna;

15. Jistieden lill-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media u lill-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali jikkooperaw mill-qrib dwar kwistjonijiet relatati mal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali, u jipprovdu gwida ulterjuri dwar azzjonijiet prattiċi li jistgħu jittieħdu fil-livell nazzjonali, bil-ħsieb li l-utenti jingħataw is-setgħa bil-litteriżmu fil-media u l-ħiliet ta' apprendiment diġitali rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-

ħsieb kritiku, il-limitazzjoni tal-esponiment għal kontenut dannuż jew l-evitar tar-riskji ta' manipulazzjoni online;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-eżerċizzju ta' monitoraġġ stabbilit skont l-Artikolu 26 tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media jimmonitorja wkoll l-azzjonijiet ta' litteriżmu fil-media meħuda fil-livell nazzjonali, u jivvaluta l-effettività ta' dawn l-azzjonijiet, minħabba l-importanza tagħhom għall-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi tal-media;

17. Jitlob lill-Kummissjoni torganizza l-Ġimgħa Ewropea għal-Litteriżmu fil-Media bħala avveniment ewlieni annwali biex jintwerew eżempji tal-aħjar prattika u jiġi pprovdut forum inklużiv għad-diskussjoni u l-bini tal-kapaċità, u biex tiġi mħeġġa firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u istituzzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-promozzjoni tal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali;

Il-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali: it-tisħiħ tas-sistema edukattiva olistika u orjentata lejn il-futur

18. Jistieden lill-Istati Membri jinkorporaw il-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali fil-kurrikuli edukattivi tagħhom, li jibdew mil-livell primarju; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonsultaw regolarment lill-edukaturi sabiex jiżguraw li l-approċċ għat-tagħlim tal-media u l-edukazzjoni diġitali jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-istudenti u jindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw;

19. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tivvaluta b'mod urġenti u komprensiv l-impatt tal-apparati u s-servizzi diġitali f'ambjenti edukattivi fuq l-eżiti tal-apprendiment, l-iżvilupp konjittiv, il-benesseri u l-firxa ta' attenzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi, fejn meħtieġ, miżuri ta' politika, li jistgħu jipprevedu restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet immirati, b'mod partikolari fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal, biex jiġi żgurat li l-użu tat-teknoloġiji diġitali fil-klassijiet ikun strettament ġustifikat mil-lat pedagoġiku, xieraq għall-età, proporzjonat u bbażat fuq evidenza xjentifika indipendenti;

20. Jistieden lir-regolaturi nazzjonali tal-media jorganizzaw sessjonijiet ta' ħidma regolari għaż-żgħażagħ, bl-għan li jrawmu l-ħsieb kritiku, jivverifikaw is-sorsi ta' informazzjoni, iqajmu kuxjenza dwar il-pluraliżmu tal-media online, iħeġġuhom jinvolvu ruħhom fil-media, u jintroduċuhom għal attivitajiet li jinvolvu organizzazzjonijiet ta' verifika tal-fatti, korpi awtoregolatorji ġurnalistiċi jew media komunitarja u jħeġġu l-adozzjoni tagħhom;

21. Jistieden lill-Istati Membri jużaw l-għarfien espert tar-riċerkaturi, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tar-rappreżentanti tal-ġenituri u tal-indokraturi u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, meta jfasslu, jimplimentaw u jevalwaw materjali, attivitajiet jew programmi edukattivi relatati mal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali;

22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament stabbli u kontinwu għat-taħriġ u l-iskemi ta' żvilupp professjonali għall-edukaturi relatati mal-media u l-edukazzjoni diġitali inkluż l-użu ta' teknoloġiji diġitali għat-tagħlim u l-apprendiment;

23. Jistieden lill-awtoritajiet jew lill-korpi regolatorji nazzjonali rilevanti jwettqu kampanji u workshops edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni pubblika, immirati speċifikament lejn il-komunitajiet lokali u li jindirizzaw speċifikament lill-ġenituri u lill-indokraturi, sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-miżuri ta' kontroll mill-ġenituri disponibbli online, l-obbligi legali eżistenti tal-pjattaformi online, u l-mekkaniżmi ta' appoġġ disponibbli, inklużi l-organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ għas-saħħa mentali;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li ċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur u l-pjattaforma BIK jinkludu taqsima speċifika dwar il-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tagħti spinta lir-riżorsi u t-taħriġ dwar il-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali għall-edukazzjoni mhux formali u informali permezz tal-pjattaformi tal-UE, b'mod partikolari l-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ jew il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lil-litteriżmu fil-media fil-pjan direzzjonali tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali u tiżgura li jsiru konsultazzjonijiet fil-fond dwar il-pjan direzzjonali mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari r-rappreżentanti tal-edukaturi, il-ġenituri u l-indokraturi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, ir-regolaturi nazzjonali tal-media, l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u l-ispeċjalisti tas-saħħa mentali; jenfasizza li l-pjan direzzjonali għandu jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ ta' apprendiment tul il-ħajja u jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni, iż-żgħażagħ, u l-gruppi vulnerabbli u emarġinati;

°

° °

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan l-abbozz ta' riżoluzzjoni jenfasizza l-importanza fundamentali tal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali bħala kompetenzi ewlenin fis-soċjetà moderna u bħala pedamenti ta' demokraziji reżiljenti. F'ambjent diġitali li qed jevolvi malajr imsawwar mill-pjattaformi tal-media soċjali, l-influwenzaturi, l-intelliġenza artifiċjali, u x-xejriet li qed jinbidlu tal-konsum tal-kontenut, il-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali huma essenzjali biex iċ-ċittadini jingħataw is-setgħa li jivvalutaw b'mod kritiku l-informazzjoni, jiddistingwu l-fatti mill-opinjoni, u jirreżistu d-diżinformazzjoni, u l-propaganda antidemokratika.

Il-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali mhumiex limitati għall-ħiliet tekniċi, iżda jinkludu l-ħsieb kritiku, l-awtosensibilizzazzjoni, il-kreattività, u l-parteċipazzjoni responsabbli fl-ambjenti diġitali. Dawn huma partikolarment vitali fil-kuntest tal- "kultura tal-iskrolljar", id-dominanza dejjem tikber ta' kontenut f'forma qasira, u d-dipendenza dejjem akbar taż-żgħażagħ fuq il-media soċjali bħala s-sors primarju ta' informazzjoni tagħhom.

Tingħata attenzjoni speċjali lill-minorenni, lill-adolexxenti, u lil gruppi vulnerabbli oħra, li jiffaċċjaw riskji akbar online, inkluż l-esponiment għal kontenut dannuż, il-bullying ċibernetiku, l-interferenza barranija, l-iscams finanzjarji, u l-manipulazzjoni ġġenerata mill-IA. Ir-riżoluzzjoni tenfasizza li l-esponiment prematur għat-teknoloġiji diġitali mingħajr ħiliet adegwati ta' litteriżmu fundamentali jista' jikkontribwixxi għal ħsara soċjali, emozzjonali u konjittiva. Għalhekk, jappella għal approċċi adatti għall-età, ibbażati fuq l-evidenza u olistiċi għall-edukazzjoni diġitali matul il-perkors kollu tal-edukazzjoni, li jibdew mill-iskola primarja u jkomplu permezz tal-apprendiment tul il-ħajja.

Filwaqt li jirrikonoxxi disparitajiet sinifikanti fost l-Istati Membri, ir-Rapporteur jirrakkomanda approċċ Ewropew aktar ikkoordinat. Huwa jappella għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet Ewropej, użu u infurzar imsaħħa tal-oqfsa regolatorji eżistenti (inklużi l-AVMSD, id-DSA, u l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media), u għal azzjonijiet min-naħa tal-atturi online biex jippromwovu t-trasparenza, jittikkettaw il-kontenut iġġenerat mill-IA, itaffu r-riskji sistemiċi, u jappoġġaw b'mod attiv l-isforzi tal-litteriżmu fil-media.

Barra minn hekk, l-abbozz ta' rapport jenfasizza l-ħtieġa għal finanzjament sostenibbli, monitoraġġ strutturat, u evalwazzjoni sistematika tal-azzjonijiet nazzjonali tal-litteriżmu fil-media. Jippromwovi l-involviment tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ, l-edukaturi, is-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi, kif ukoll il-ġenituri u l-indokraturi fit-tfassil ta' politiki u programmi edukattivi, filwaqt li tiżgura li l-miżuri jitfasslu skont il-ħtiġijiet ta' gruppi demografiċi speċifiċi.

L-abbozz jinkwadra l-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali bħala pilastru ta' ekosistema tal-media Ewropea b'saħħitha u sostenibbli. Minħabba l-importanza strateġika tal-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali, il-qafas eżistenti jenħtieġ li jissaħħaħ b'approċċ strutturat għall-azzjonijiet edukattivi, filwaqt li jiġi rikonoxxut li livelli ogħla ta' litteriżmu jikkontribwixxu għal fiduċja akbar fil-media ta' reputazzjoni tajba, jappoġġjaw il-pluraliżmu tal-media, u jsaħħu s-sostenibbiltà ekonomika tas-settur. Bit-trawwim ta' ċittadini kritiċi, infurmati u awtonomizzati, il-litteriżmu fil-media u l-apprendiment diġitali jistgħu jsaħħu b'mod tanġibbli l-parteċipazzjoni ċivika, l-inklużjoni soċjali, u l-integrità tal-proċessi demokratiċi madwar l-Unjoni.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

B'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).